# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 1105/2016 MH**

**Illum, 31 ta’ Ottubru, 2018**

**Emmanuel Mallia**

**vs**

**Francis Chetcuti**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attur tal-5 ta’ Diċembru 2016** li permezz tiegħu espona:

1. *“Illi r-rikorrent huwa kreditur tal-intimat fis-somma ta’ sitt elef ħames mija u sitt Euro (€6,506) bilanċ minn somma akbar ta’ tmienja u tletin elf, tmien mija u tlett Euro (€38,803) import ta’ kambjala aċċettata u ffirmata mill-intimat maħruga f’15 ta’ Gunju 2012 liema kambjala skadiet (Dok A).*

2. *Illi r-rikorrent kien ipproċeda permezz ta’ ittra uffiċjali numru 1133/14 ai tenur artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.*

3. *Illi pero' l-intimat ippreżenta rikors fejn oppona għall-eżekuzzjoni ta' din il-kambjala.*

4. *Illi permezz ta' digriet 21 ta' Ġunju 2016, ir-rikors tal-intimat ġie milqugħ, u għalhekk ir-rikorent kellu jipproċedi bil-preżenti rikors ġuramentat.*

5. *Illi r-rikorrent jaf dawn il-fatti personalment.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onnorabli Qorti jogħġobha tikkundanna l-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sitt elef hames mija u sitt euro (€6,506) rappreżentanti bilanċ dovut import ta' kambjala aċċettata u ffirmata mil-intimat maħruġa f'15 ta' Ġunju 2012 u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax mid-data tal-iskandenza tal-kambjala u l-intimat inġunt in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u l-kambjala anness mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Francis Chetcuti tat-13 ta' Marzu 2017**[1] li permezz tagħha eċċepixxa:

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu u dana peress illi l-ammont reklamat bħala bilanċ tal-prezz import ta' kambjala maħruga fil-15 ta' Ġunju 2016 hija kollha mħallsa.*

[1] Fol 9 et seq

*2. Illi meta saru l-konteġġi rriżulta illi kienu saru ħafna pagamenti li ma ttieħdux in konsiderazzjoni u l-kambjala tinsab "overpaid".*

*3. Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruħu mill-azzjoni ttentata mill-attur u qed jippreżenta Kontro-Talba għar-rifużjoni tas-somma ta' €16,223."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **il-Kontro-Talba ġuramentata ta' Francis Chetcuti tat-13 ta' Marzu 2018**[2] li permezz tagħha espona:

*"1. Illi l-esponent huwa liċenzjat biex ibiegħ armi tal-marka Benelli li huwa kien jimporta mingħand il-Kumpanija Armi Benelli Spa. Kien jopera minn ħanut bl-isem "Franwin Sports", 19 Triq Santa Marija, Tarxien.*

*2. Illi l-esponent għamel negozju ma' l-attur rikonvenut fis-sens illi dan kellu jisilfu somma flus viċin l-ammont ta' €40,000 ħalli l-esponent ikun jista' jagħmel ordinazzjoni kbira ta' armi mingħand Benelli. Fuq dan l-arranġament, l-esponent beda jantiċipa lill-esponent pagamenti akkont ta' dan is-self, kollox fuq il-fiduċja li dak iż-żmien kien hemm bejn il-kontendenti.*

*3. Illi fit-8 ta' Ġunju 2012 l-esponent għamel l-ordinazzjoni ta' l-armi, liema ordinazzjoni ammontat għal €38,803, bl-imgħax ta' sena nkluż. L-esponent rikonvenjent iffirma kambjala għall-imsemmi ammont ta' €38,803, u l-attur kellu jagħmel il-kunteggi, u wara li jnaqqas il-pagamenti antiċipati mill-esponent, huwa kellu joħrog il-bilanċ dovut.*

---
[2] Fol 12 et seq

*4. Illi xi xahrejn wara li saret l-ordinazzjoni msemmija l-attur xtara mingħand l-esponent 14 shotguns b' valur ta' €18,040 li ukoll kellu jitnaqqas mill-ammont tal-kambjala bħal ma kellhom jitnaqqsu pagamenti oħra akkont effettwati mill-esponent.*

5. *Illi l-attur istitwixxa proċeduri ġudizzjarji għall-eżekuzzjoni ta' parti mill-kambjala ffirmata u fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-esponent irrealizza illi fil-fatt huwa kien għamel "overpayment" ta' sittax il-elf, mitejn u tlieta u għoxrin ewro (€16,223), dana kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża, liema ammont l-attur rikonvenut qed jirrifjuta li jħallas.*

*Għaldaqstant jgħid l-attur rikonvenut il-għaliex ma għandhiex dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tikkundanna lill-attur rikonvenut jirrifondi lill-konvenut rikonvenjent is-somma ta' sittax il-elf, mitejn u tlieta u ghoxrin ewro (€16,223) jew dik is-somma l-oħra verjuri, aktar jew anqas, rappreżentanti "overpayment" li huwa għamel fuq in-negozju fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru preżentat kontestwalment u bl-imgħax legali mid-data tal-"overpayment" kontra l-attur minn issa nġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-kontro-talba.

Rat **ir-risposta ġuramentata għall-Kontro-Talba**[3] **ta' Emmanuel Mallia tas-17 ta' Marzu 2018** li permezz tagħha eċċepixxa:

[3] Fol 16 et seq

1. *"Illi mingħajr preġudizzju wkoll jingħad li ma jeżistux l-elementi rikjesti mill-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex fil-ħin li ġiet ammessa l-kambjala (kif del resto jinsorġi mir-risposta ġuramentata tal-intimat rikonvenzjonant), din ikkrejat obbligazzjoni distinta u separata mill-allegat kreditu mitlub. Għalhekk, il-materja għandha titqies kompletament differenti mill-azzjoni promossa permezz tar-rikors promotur.*

2. *Illi preliminarjament, l-kontro talba hija rritwali u konsegwentement nulla għaliex l-azzjoni promossa mill-attur rikonvenzjonat hija dik hekk imsejħa actio cambiaria u għalhekk huma limitati ferm it-tip t'eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw. Għalhekk ċertament kontro talba m'hijiex permessa f'dawn il-proċeduri.*

3. *Illi mingħajr preġudizzju l-intimat rikonvenzjonant irid jiċċara x'azzjoni qiegħed jittenta jagħmel u jindika r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u sakemm dan iseħħ ir-rikorrent rikonvenzjonat qiegħed jirriżerva d-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri inkluż dik tal-preskrizzjoni.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu, l-ebda ammont m'huwa dovut lill-intimat rikonvenzjonant.*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi kollha mressqa mill-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Rat ukoll l-atti tal-proċeduri fl-istess ismijiet Rik 145/15LM li ġew deċiżi fil-21 t'Ottubru 2016 u li b'ordni tal-Qorti jinsabu allegati mal-atti tal-proċeduri odjerni[4].

**Ikkunsidrat:**

Il-proċeduri odjerni nbdew wara li l-attur qiegħed jippretendi ħlas ta' €6,506.00 bħala bilanċ minn somma akbar ta' €38,803 bħala import ta' kambjala iffirmata mill-konvenut. Dan in vista ta' negozju li kien għaddej bejniethom fuq numru ta' snin. Minn naħa tiegħu l-konvenut mhux biss jiċħad li huwa fadallu xi jħallas lill-attur talli allega li huwa għandu jieħu mingħand l-istess attur is-somma ta' €16,223 li huwa kien ħallas żejjed. Għal dan il-għan huwa ntavola kontro-talba li hija fermement opposta mill-attur rikonvenzjonat.

Għal kull buon fini l-Qorti tibda billi tissottolinea li l-proċeduri Rik 145/15LM surreferiti ġew deċiżi biss fuq bażi *prima facie* fejn allura l-uniku eżami li għamlet dik il-Qorti huwa fuq dak li kien jidher mad-daqqa t'għajn. Għaldaqstant il-konklużjoni tal-Qorti hemm raġġunta b'ebda mod ma tista titqies li għandha torbot lil din il-Qorti kif preseduta li issa jispetta lilha li teżamina l-kwistjoni *funditus* fil-mertu.

[4] Fol 19

## A. PROVI

1. Xehed **Emmanuel Mallia** b'affidavit[5] fejn spjega li huwa negozjant u ilu f'dan ix-xogħol għal aktar minn 40 sena. Xogħolu jikkonsisti fix-xiri u l-bejgh tal-apparat tal-kaċċa.

Dwar ir-relazzjoni tiegħu ma' Francis Chetcuti jgħid li Francis Chetcuti kien ġie minn barra xi 30 sena ilu u saru ħbieb għaliex kellhom id-delizzju tal-kaċċa. Dwar dan il-negozju partikolari spjega li Francis kien aġent ta' ditta tajba ħafna tas-snieter li jisimha "Benelli". Emmanuel ried jixtri minnhom sabiex ibiegħhom mill-ħanut li ghandu ġewwa Raħal Ġdid. Għalhekk kienu għamlu ftehim fejn hu kien joħroġ il-flus permezz tal-bank biex hu jordna l-armi. Minn dawn l-armi, meta jaslu, kien jieħu ftit mill-ordni, skont kemm ikollu bżonn biex ibiegħ mill-ħanut tiegħu. Il-kumplament ta' l-armi li jkun ordna jżommhom hu u imbagħad id-differenzi jagħtihomlu jew fi flus jew f'merkanzija. Hu kien ijżomm rendikont kif jaf hu u jqabblu n-notamenti tagħhom.

Għamlu xi għaxar snin għaddejjin b'dan it-tip ta' negozju u dejjem żammew ir-records ta' min kellu jħallas lil min u dejjem qablu. Apparti li jżommu r-records, kienu wkoll għamlu kambjali għall-bilanċ li jkun dovut lilu. Il-kambjala kienet timtela' kif appena hu, permezz tal-bank, kien iħallas l-ordni partikolari li jkun għamel Francis Chetcuti. Meta kien ikun ħallsu kollox, kienu jqattgħu l-kambjala.

Il-problemi bdew fl-aħħar żewġ ordnijiet li għamlu. L-ewwel minn dawn iż-żewġ ordnijiet saret fl-2011 u kienet għall-ammont ta' €32,099 (inkluż bank charges ta' €30). Ma' dan l-ammont kienu żiedu bi ftehim imgħax bit-8% għal-sena li jammonta għal €2,568. Huwa esebixxa applikazzjoni biex il-Bank of Valletta iħallas l-ordni in kwistjoni u notamenti li kien iżomm bħala rendikont

[5] Fol 28 et seq

tal-ħlasijiet li kienu jsiru (Dok Z2). Kienu għamlu kambjala għal dan l-ammont. Esebixxa wkoll kopja tal-ftehim li kienu għamlu li jsemmi anke imgħaxijiet ta' 8% għas-sena 2011 (Dok Z3) u dokument iffimat minn Francis Chetcuti li juri li huwa qed jaqbel li l-ordni kienet tiswa €32,099 (Dok Z4).

Meta s-sena ta' wara (2012) ġew biex jagħmlu ordni oħra, Francis Chetcuti kien ħallsu €1,993 żejda tas-sena ta' qabel. Pero' dan huwa rifless fin-notamenti tiegħu u ċioe' statement informali għas-sena 2012. Huwa esebixxa l-istatement għas-sena 2012 (Dok Z5).

L-ordni li għamlu fl-2012 kienet għall ammont ta' €38,803 u għalhekk iffirmaw kambjala ta' dan l-ammont fil-15 ta' Ġunju 2012. Din hija l-kambjala li qed jibbaża l-kawża fuqha u qed jgħid illi min din il-kambjala kien fadalli jieħu €6,506.

Huwa kompla jispjega li hemm f'dan l-istatement tal-2012 (Dok Z5) huwa fattura 19403826 u invoice 12006949. Din kienet ordni li kien għamel u t-total tagħha jirriżulta f'*payment order* tal-BOV li hija annessa mal-affidavit tiegħu quddiem il-Qorti fil-każ Rik Nru 145/2015LM. Il-payment order huwa mmarkat Dok EM2. Dak iż-żmien l-ammont dovut lilu kien ta' €35,894 skont l-istess dokument. Kien hemm €35 charges u żied interessi ta' sena bit-8% ammontanti għal €2,874.32. Dan jagħti total ta' €38,803. Weħel *air freight* ta' €1,100 biex ġabu l-merkanzija u għalhekk it-total kien ta' €39,903. Mal-affidavit tal-kawża l-oħra kien preżenta kopja tal-*airfreight* u kopja ta' skrittura li ffirmaw flimkien hu u l-konvenut fejn kienu qablu fuq l-ammont.

Mill-banda l-oħra huwa kien xtara wkoll xi oġġetti mingħand il-konvenut u tħallas xi pagamenti. Mal-affidavit l-ieħor fil-kawża l-oħra huwa kien esebixxa 5 *invoices* (Dok EM5 sa EM8) ta' merċa li xtara mingħandu. Dan huwa rifless fit-tieni parti tal-istatement tiegħu fejn hemm tliet kolonni "*Date, Amount, Refer*". Apparti li xtara mingħandu huwa kien ukoll tħallas €1,000 fi flus

kontanti, €500 permezz ta' *cheque*, €2,000 fi flus kontanti, €1,700 f'*cheque*, €1,600 fi flus kontanti, €1,250 *cheque* u *cash* (€1000 *cheque* u €250 *cash*), u €1,200 *cash*. Dawn huma kollha mniżżlin fl-i*statement* tiegħu. Din it-tieni parti tagħti total ta' €31,515 u d-dati ta' meta saru dawn il-pagamenti jirriżultaw mill-istatement tiegħu. Huwa naqqas €31,515 minn €39,903 u dan jagħti bilanċ ta' €8,388. Naqqas €30 peress li fl-invoice 314 hemm €30 żejda u dan jagħti total ta' €8,148. Huwa żied imgħax ta' €81 u l-bilanċ tela għal €8,499. Naqqas €1,993 *overpayment* fuq l-ewwel ordni u cioe' l-*overpayment* li ssemma qabel li jirreferi għas-sena 2011 u jibqa l-bilanċ tiegħu ta' €6,506 li jgħid li għandu jieħu.

L-attur kompla jgħid li fil-proċedura Rik 145/15 l-konvenut preżenta affidavit fejn spjega 3 raġunijiet għalfejn ma' jaqbilx mal-konteġġi tiegħu. Fl-ewwel punt li Francis Chetcuti lmenta minnu fl-affidavit tiegħu huwa fejn qal li l-attur ma naqqasx il-fatturi numri 308 (€341.40), 309 (€700), 310 (€110) u 315 (€2,100) – b'kollox €3,251.40. L-attur insista pero' li l-konvenut huwa żbaljat meta jallega dan peress li dawn huma kollha mniżżlin u mnaqqsin fl-i*statement* tal-ordni tas-sena 2011 (Dok Z2). Li kieku ma daħħalx dawn il-figuri u ma naqqashomx ma kienx jasal għal total ta' *overpayment* ta' €1,993 li ġiet *carried over* għas-sena ta' wara.

Francis Chetcuti lmenta wkoll fl-affidavit tiegħu li l-attur ma daħħalx żewġ ammonti ta' flus kontanti li tah u ċioe' €2000 fis-6 ta' Settembru 2012 u €1000 fl-1 ta' Novembru 2012 u pagament ieħor permezz ta' ċekk ta' €500 fit-8 ta' Jannar 2013 – b'kollox €3,500. L-attur pero' nsista li anke hawn għandu żball il-konvenut għaliex dawn huma kollha mnaqqsa fl-istatement tal-2011.

L-attur insista li dawn il-pagamenti kollha ma kinux imħallsa minn Chetcuti bħala akkont tal-kambjala li esebixxa mal-kawża pero' kienu mħallsa mill-kont tas-sena ta' qabel.

Il-konvenut jgħid ukoll fl-affidavit tiegħu li ma jaqbilx mas-somma ta' €2,874 bħala imgħaxijiet għax jgħid li l-imgħax kellu jkun ta' €1,029. Anke hawn hu żbaljat skont l-attur għax fl-iskrittura li diġa ġiet esebita mal-affidavit tiegħu fil-proċeduri l-oħra (Dok EM4) kienu qablu li jieħu 8% imgħax fuq il-prezz ta' l-ordni. U 8% tal-prezz jammonta għal €2,874.

L-attur esebixxa wkoll rendikont tal-pagamenti li rċieva mingħand Francis Chetcuti (Dok Z6). Il-kitba hija tal-konvenut u l-firem huma tal-attur.

In **kontro-eżami**[6] Mallia ikkonferma li l-partijiet kienu ffirmaw skrittura fil-15 ta' Ġunju 2012 u kkalkulaw is-somma ta' €2,874 imgħax għal sena sħiħa. Ikkonferma wkoll li circa xahrejn wara huwa ħa mingħand Chetcuti b'kemm jiswew €18,000 armi u shot guns. Huwa ma qabilx pero' mas-suġġeriment tad-difensur ta' Chetcuti li dwar l-interessi għalkemm ftehmu fuq sena imgħaxijiet antiċipati kellu jkun hemm l-aġġustamenti meħtieġa fuq l-imgħaxijiet għax kien hemm it-€18,000 valur tal-armi. Mistoqsi jekkk in-negozju tal-2011 kienx magħluq huwa ċaħad li dan kien il-każ u qal ukoll li meta Chetcuti kien iħallsu kien jgħidlu biex parti titniżżel fuq tas-sena ta' qabel u parti fuq tas-sena kurrenti.

2. Xehed **Francis Chetcuti** b'affidavit[7] li qal li huwa liċenzjat biex ibiegħ armi tal-marka "Benelli" li jimporta mill-esteru. Huwa jopera minn ħanut bl-isem "Franwin Sports" ta' 19, St Mary Street, Tarxien. Minn xi żmien 'l hawn huwa kien għamel negozju ma' Emanuel Mallia li kien jopera minn ħanut bl-isem ta' "General Household", 2 Tarxien Road, Paola. Huwa kien silef lil Chetcuti somma flus biex iħallas għall-merkanzija li kien ordna.

[6] Fol 59 et seq
[7] Fol 42 et seq

Fit-8 ta' Ġunju 2012 Chetcuti kien għamel ordni ta' armi mingħand Benelli u Emanuel Mallia ħallas is-somma ta' €35,894 + €35 bank charges + €1,100 bħala "air freight", b'kollox €37,029. Fil-15 ta' Ġunju 2012 iffirmaw skrittura bejniethom (Dok EM4 unit mal-affidavit tal-attur). Ftehmu li dan l-ammont iħallsu fi żmien sena bl-imgħax ta' 8%. Għalhekk Emanuel Mallia żied l-imgħax ta' sena u hu ffirmalu dakinhar stess kambjala għas-somma ta' €38,803 a favur Emanuel Mallia b'dan l-ammont pagabbli fi żmien sena. Apparti dan l-ammont Chetcuti kellu jtih l-€1,100 "air freight" li ħallas għalih Emanuel Mallia.

Xi xahrejn wara li kienu waslu l-armi Emanuel Mallia ħa mingħandu 14 shotguns li jiswew €18,040 (Invoice 311). Mallia xtara ukoll armi oħra mingħandu u inoltre Chetcuti beda jħallas akkonti jew in kontanti jew permezz ta' ċekkijiet ta' ħlasijiet li kienu jagħmlu l-klijenti tiegħu meta jixtru l-armi mingħandu (Dok EM1 esibit mill-attur).

Żviluppa nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-bilanċ li Chetcuti kelli jagħti lil Mallia u dan peress li skont il-konvenut, Mallia ma kienx idaħħal il-ħlasijiet kollha li kien jagħmel Chetcuti. Kien hemm ukoll il-kalkolazzjoni tal-imgħaxijiet li huwa ma qabilx magħha. Il-konvenut elenka dawn ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil tiegħu mas-somma mitluba mill-attur fil-kawża:

i. Ma ġewx imdaħħla l-fatturi li jġibu n-numru 308 (€341.40), 309 (€700), 310 (€110) u 315 (€2,100) datati 25/8/12, 24/9/12, 23/9/12 u 22/10/12 (dok CF3, CF4 U CF5) – b'kollox €3,251.40. Huwa saħaq li ma jistax ikun li dawn il-pagamenti ġew imdaħħla fin-negozju preċedenti ta' bejniethom tal-2011 mhux biss għax dak kien ġie saldat għal kollox qabel ma saret l-ordni tal-15 ta' Ġunju 2012 iżda wkoll peress li dawn il-fatturi saru kollha wara li saret l-ordni in kwistjoni tat-8 ta' Ġunju 2012;

ii. Żid li ma ġewx imdaħħla ukoll tlett pagamenti li huwa kien ta lill-attur u ċioe' €2,000 fis-6 ta' Settembru 2012 u €1,000 li tah fl-1 ta' Novembru 2012 u pagament permezz ta' cheque fl-ammont ta' €500 li tah fit-8 ta' Jannar 2013 – b'kollox €3,500. Għal dawn il-pagamenti Emanuel Mallia kien iffirmalu riċevuta (Dok CF 7 u CF 8). Bħalma diġa qal, ma setax ikun li dawn il-pagamenti kienu ħlas għal xi negozju preċedenti bejniethom u dan mhux biss għax dak kien diġa saldat għal kollox meta saret l-ordni tat-8 ta' Ġunju 2012 iżda wkoll peress li dawn il-pagamenti saru kollha wara l-ordni tat-8 ta' Ġunju 2012.

Il-konvenut ma qabilx ukoll dwar is-somma ta' €2,874 bħala imgħaxijiet antiċipati ta' sena li huwa ħadem biex wasal għall-ammont tal-kambjala. L-imgħaxijiet maħduma "*a scaletta*" kellhom ikunu ta' €1,029.

Il-konvenut kompla jgħid li ħa l-karti għand awditur u dan ikkalkulalu kollox inkluż l-imgħaxijiet akkumulati u ħareġ bilanċ favur tiegħu ta' €2,090 (Dok CF1).

Għalkemm il-partijiet iltaqgħu diversi drabi baqgħu ma qablux u ma sabux soluzzjoni. L-attur kien jgħid li l-konvenut għandu jtih u Chetcuti jirribatti li anzi kien ħallsu ż-żejjed. Fl-aħħar Emanuel Mallia beda l-proċeduri bil-Qorti għall-eżekuzzjoni tas-somma ta' €6,506 iżda l-Qorti fil-każ 145/15 kienet issospendiet l-imsemmija eżekuzzjoni. In segwitu Emanuel Mallia beda l-kawża odjerna għall-kanonizzazzjoni tas-somma ta' €6,506 bilanċ tal-kambjala, u l-konvenut irrisponda li mhux talli m'għandux jagħti talli għandu jieħu u għalhekk ġiet preżentata l-kontro-talba għar-rifużjoni lilu minn Mallia tas-somma ta' €16,223 rappreżentanti flus żejda li allegatament tħallsu lill-attur fuq din l-ordni. Il-konvenut kompla jgħid li sa minn qabel ma ffirmaw l-ordni tal-15 ta' Ġunju 2012 huwa kien beda javvanza lill-attur somom ta' flus akkonti peress li Mallia kien jiffinanzja din l-ordni. Mallia kien iffirmalu għal kull ħlas li kien għamillu. (Dok CF 2). Skont il-konvenut sa mill-aħħar tas-sena 2011 (li

sadanittant in-negozju preċedenti kien diġa ġie saldat) huwa beda jgħaddi lil Mallia kull ċekk jew flus oħra li kellu. Sas-16 ta' Settembru 2012 laħaq għaddielu €16,133.

Mingħand Mallia l-konvenut jippretendi r-rifużjoni tas-somma ta' €16, 223 maqsuma hekk –

i. is-somma ta' €2,090 kif spjegata fil-*workings* li għamillu l-awditur George Farrugia (Dok CF1);

ii. Riċevuti rilaxxjati mill-attur u li juru ħlasijiet antiċipati li għamel lill-attur (l-ewwel tlettax il-item biss peress illi l-aħħar ħlas ta' €2,000 datat 6 ta' Settembru 2012 jinsab gia nserit fid-Dok CF 1) ammontanti għal €14,133 (Dok CF 2).

In fine Chetcuti qal li Dok ZS2 esibit minn Emanuel Mallia mal-affidavit tiegħu huwa qatt ma rah. Dawn huma *workings* ta' Mallia u ma jafx meta għamilhom.

In **kontro-eżami**[8], meta ġie suġġerit lilu li l-ammonti li qed jgħid li ma tnaqqsux effettivament kienu tnaqqsu mis-sena preċedenti huwa wieġeb li kien ħa l-karti kollha għand awditur u dan ħadimlu l-figuri kif ġew esibiti in atti. Huwa rrepeta li ma kienx qed jaqbel ma kif ġew komputati l-interessi. Id-dokument a fol 49 kien jinżamm minn Chetcuti.

**Ikkunsidrat:**

Il-qofol tal-vertenza tal-lum hija n-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar min għandu jħallas lil min u ċioe' jekk huwhiex l-attur rikonvenzjonat li għandu jitħallas bilanċ ta' €6,506 jew huwhiex il-konvenut rikonvenzjonant li a tenur tal-kontro-talba tiegħu għandu jirċievi rifużjoni ta' €16,223 mħallsin żejda.

[8] Fol 54 et seq

Huwa evidenti li l-partijiet qegħdin jagħtu verżjonijiet konfliġġenti għall-aħħar dwar il-konteġġi kif minnhom miżmuma dwar in-negozju li kien għaddej bejniethom għal numru ta' snin. Il-Qorti bla tlaqliq tgħid illi l-każ odjern seta ġie faċilment evitat li kieku l-partijiet wrew aktar professjonalita' fil-mod kif kienu jżommu l-konteġġi tagħhom u ħadu ħsieb li jagħmlu verifiki aktar regolari bejniethom dwar dak li hu dovut.

Kif ġie ripetutament affermat mill-Qrati, mhux kull kunflitt ta` prova jew kontradizzjoni jew nuqqas għandha xxekkel lill-ġudikant milli jasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-mertu quddiemu. Dan għaliex il-fattur li għandu jiggwida lill-Qorti, dejjem **fi grad ta' probabilita'**, huwa l-verżjoni u t-teżi ta' dik il-parti li fiċ-ċirkustanzi tal-każ l-aktar tirriżulta verosimili, kredibbli u konsistenti.

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament preseduta fil-każ fl-ismijiet **Raymond Cauchi noe vs Michael Angelo Fenech deciz fil-15 ta` Dicembru 2015**[9] b'referenza għal rassenja ta' ġurisprudenza dwar din il-materja –

"***Konflitt tal-verżjonijiet***

*Fis-sentenza tagħha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża **`Xuereb et vs Gauci et`** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp ċivili –*

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propożitu sentenza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma**", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

[9] Rik Gru Nru 1170/86

*Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewg verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant (Kollez. Vol L pII p440).”*

*(ara wkoll : “**Bugeja vs Meilak**” – PA/TM – 30 ta` Ottubru 2003 ; “**Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa**” – PA/PS – 28 ta` Mejju 2003 ; “**Farrugia vs Farrugia**” – PA/CC – 24 ta` Novembru 1966)*

*Fis-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) tat-28 ta` April 2003 fil-kawża “**Ciantar vs Curmi noe**” kien preċiżat hekk –*

*“Huwa ben magħruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minħabba fihom ma tkunx tista` tiddeċiedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp ċivili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta` azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)”*

*(ara wkoll : “**Camilleri vs Borg**” – Appell Ċivili – 17 ta` Marzu 2003 ; “**Zammit vs Petrococchino**” – Appell Kummerċjali – 25 ta` Frar 1952 ; “**Vassallo vs Pace**” – Appell Ċivili – 5 ta` Marzu 1986)*

*Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawża “**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**” din il-Qorti (PA/JRM) qalet hekk :- “… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall- ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - **Hans J.***

***Link et vs Raymond Merċieca****). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l- pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l- allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f`kawża m`huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f`kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 -* ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi et****)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 -* ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil****). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 -* ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et****). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 -* ***Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd****.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt*

*ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal- azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil- proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 -* ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe****). Fit-twettiq ta` eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta` ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 -* ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et****).”*

*Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza “****Joseph Tonna vs Philip Azzopardi****” inghad hekk:-*

*“(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal- attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaża l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.”*

Fid-dawl ta’ dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti sejra l-ewwel titratta t-talba prinċipali tal-attur.

## TALBA PRINĊIPALI

L-attur qed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €6,506.00 rappreżentanti bilanċ fuq kambjala għas-somma ta' €38,803 maħruġa fil-15 ta' Ġunju 2012.

Il-Qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

1. L-arranġament tan-negozju bejn il-partijiet kien li Emmanuel Mallia joħroġ il-flus huwa permezz tal-bank biex Francis Chetcuti jordna l-armi mingħand id-ditta estera "Benelli". Mal-wasla tagħhom f'Malta l-armi jinżammu minn Chetcuti, Mallia jieħu minnhom skont kemm ikollu bżonn biex imbagħad ibiegħhom mill-ħanut tiegħu filwaqt li l-bqija tal-armi jibqgħu għand Chetcuti biex ibiegħhom hu. Chetcuti kien iħallas id-differenza lil Mallia jew bi flus kontanti jew b'merkanzija;

2. Id-diżgwid bejn il-partijiet qam dwar żewġ ordnijiet partikolari. **L-ewwel ordni** kienet dik li saret fl-2011 fejn permezz ta' ftehim datat **16 ta' Settembru 2011**[10] huma qablu li Mallia kien qiegħed iħallas bil-quddiem għall-ordni ta' importazzjoni li tikkonsisti fi 38 *shotguns* u *spare parts* tad-ditta Benelli. Dan għas-somma ta' €32,069 + €30 charges tal-Bank flimkien ma' imgħax ta' 8% fuq is-somma kollha. **Total: €34,667.00;**

3. **It-tieni ordni** kienet dik li saret permezz tal-ftehim datat 15 ta' Ġunju 2012[11] fejn il-partijiet ftehmu li Mallia kien qiegħed iħallas bil-quddiem għall-ordni ta' importazzjoni li tikkonsisti fi 38 *shotguns* u *spare parts* tad-ditta Benelli. Dan għas-somma ta' €35,894 + €35 *charges* tal-Bank flimkien ma' imgħax ta' 8% fuq is-somma kollha. **Total: €38,803.00;**

[10] Fol 34
[11] Fol 37

4. Il-konteġġi kif miżmuma mill-attur ġew esibiti a fol 33 (Dok Z2) u a fol 36 (Dok Z5);

5. Bħala punt tat-tluq jiġi osservat li l-oriġinal tal-kambjala mertu tal-proċeduri odjerni għadu fil-pussess tal-attur. Huwa xehed hekk –

*"Il-kambjala kienet tintela' kif appena jien, permezz tal-bank kont inħallas l-ordni partikolari li jkun għamel Francis Chetcuti. Meta kien ikun ħallasni ta' kollox konna nqattgħu il-kambjala*[12]*."*

Dan il-fatt ma ġiex kontradett mill-konvenut, aspett li fuq bażi *prima facie* jimmilita a favur it-teżi tal-attur li huwa effettivament għad fadallu jirċievi ħlasijiet minghand il-konvenut. Iżda naturalment il-Qorti għamlet l-eżerċizzju meħtieġ biex tevalwa l-pretensjonijiet attriċi kif ser jingħad.

6. L-ewwel eżerċizzju li għamlet il-Qorti kien dak fejn ivverifikat il-ħlasijiet li kien għamel Chetcuti lil Mallia kif elenkati f'Dok Z6 a fol 38, u li għalihom kien iffirma li rċevihom l-istess Emmanuel Mallia u qabblithom mal-konteġġi kif miżmuma minn Mallia f'Dok Z2 u Dok Z5 a fol 33 u 36 rispettivament u kkonstatat li ċ-ċifri ndikati f'fol 38 huma kollha rintraċċjati f'Dok Z2 u Z5 u għal skopjiet prattiċi ġew immarkati bl-aħmar mill-Qorti stess bin-numru minn 1 sa 25.

7. Dwar il-fatturi numru 308, 309, 310 u 315 li dwarhom hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jiġi nnutat hekk –

i. **Fattura Nru 308 datata 25 t'Awissu 2012** hija għas-somma ta' €341.40[13]. Invece f'Dok Z2 fejn l-attur kiteb "Invoice 308", għalkemm hemm immarkata l-istess data u ċioe' 25 t'Awissu 2012, l-ammont huwa ta' €228.20. Għall-Qorti għalhekk huwa diffiċli li temmen li din l-entry f'Dok Z2 verament tirrifletti l-fattura nru 308. Fuq bażi ta' probabilta' dik l-entry hija għal *spare parts* oħrajn

[12] Fol 28
[13] Dok CF3 a fol 45

u mhux dawk indikati fil-fattura 308. Hawnhekk sejra tagħti raġun lil Francis Chetcuti li l-fattura nru 308 għas-somma ta' €341.40 ma ġietx inkluża fil-kotba tal-attur.

ii. **Fattura Nru 309 datata 24 ta' Settembru 2012**[14]. Francis Chetcuti jgħid fl-affidavit tiegħu li din il-fattura ammontanti għal €700 ma ġietx imdaħħla fil-konteġġi ta' Emmanuel Mallia. Il-Qorti ma taqbilx ma din it-teżi. Minn kif qed tifhem il-Qorti din il-fattura, l-arma Benelli Premium indikata fiha ġiet ingassata minn hemm u nkluża fil-fattura Nru 315 u allura l-fattura sħiħa ġiet kanċellata tant li l-ingass jidher indikat kemm fuq id-deskrizzjoni tal-arma u anke fuq il-fattura sħiħa b'mod dijagonali. Infatti lanqas total m'hemm indikat fil-parti t'isfel tal-fattura. Għalhekk ma hemmx lok li ċ-ċifra ndikata mill-konvenut Chetcuti ta' €700 fil-fattura nru 309 tiġi kkunsidrata.

iii. **Fattura Nru 310 datata 23 ta' Settembru 2012**[15]. Din hija għas-somma ta' €110. Invece filwaqt li f'Dok Z2 l-attur kiteb "Invoice" 310, l-ammont indikat f'dak id-dokument huwa għal €100 mhux €110. Għalhekk anke jekk dik iċ-ċifra ddaħħlet fil-kotba fl-istess jum tat-23 ta' Settembru 2012, il-Qorti tqis li dik l-*entry* qed tirreferi għal item differenti. Għalhekk fil-fehma tagħha għandu raġun il-konvenut rikonvenzjonant li l-ammont ta' €110 fil-fattura Nru 310 ma ġiex inkluż fil-konteġġi tal-attur.

iv. **Fattura Nru 315 datata 22 t'Ottubru 2012**[16]. Din hija għas-somma totali ta' €2100. Jiġi nnutat li fid-Dok Z2, l-attur jindika l-fatturi 309 u 315 flimkien għaċ-ċifra ta' €3250 iżda din iċ-ċifra hija kompletament diversa oltre l-fatt li hija abbinata mad-data tal-24 ta' Settembru 2012. Anke jekk dik id-data tikkorrispondi mal-fattura Nru 309 (li l-Qorti diġa kkummentat dwarha) il-Qorti ma ssib ebda konnessjoni bejn l-*entry* msemmija f'Dok Z2 u l-fatturi 309 u 315.

[14] Fol 46
[15] Fol 47
[16] Fol 48

Fuq bażi ta' probabilta' għalhekk il-fattura Nru 315 għas-somma ta' €2100 ma ġietx inkluża fil-konteġġi tal-attur.

8. Il-konvenut rikonvenzjonant jargumenta wkoll li tlett pagamenti partikolari ukoll ma ġewx imdaħħla. Fil-fehma tiegħu dawn huma €2,000 fi flus kontanti mogħtija lil Mallia fis-6 ta' Settembru 2012, €1000 li tah fl-1 ta' Novembru 2012 u ċekk ta' €500 li tah fit-8 ta' Jannar 2013. Il-Qorti iżda ma taqbilx. Jirriżulta nfatti li f'Dok Z2 dawn l-ammonti ġew inklużi (u *highlighted* bl-aħdar) u jikkorrispondu mal-ħlasijiet enumerati 16, 17 u 25 indikati f'Dok Z6.

9. Jirriżulta wkoll nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fir-rigward tal-imgħaxijiet dovuti. Fl-affidavit tiegħu l-konvenut rikonvenzjonant jargumenta li filwaqt li l-attur rikonvenzjonat jippretendi ħlas ta' €2874.00 bħala imgħaxijiet antiċipati ta' sena dawn l-imgħaxijiet kellhom ikunu maħduma a *scaletta* għall-ammont ta' €1,029 skont "workings" li allegatament saru mill-awditur tiegħu ċertu George Farrugia markat bħala Dok CF1. Il-Qorti tibda billi tinnota li dan id-dokument CF1 la hu ffirmat minn awditur u l-konvenut qatt ma ressaq lil din il-persuna biex tixhed dwar dan id-dokument. Fi kwalunkwe każ il-Qorti ssib li dan l-argument tal-konvenut ma jreġix għax fl-ewwel lok l-ammont ta' €2874.00 interessi kontestati minnu hija ċifra li hu stess qabel magħha u ffirma għaliha fil-ftehim tal-15 ta' Ġunju 2012. Id-diċitura wżata hija ċara –

*"The amount of is €35,894 + €35 bank charges by my banker Bank of Valletta, Paola Branch, This is a form of money loan.* ***8% interest is being charged <u>on the whole amount</u>***[17]*.*

- *A draft for the whole amount + interest added is signed by Mr Francis Chetcuti ID 755643(M) €38,803."*

[17] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

10. Issa la dawn l-interessi kienu jammontaw proprju għal €2874.00 tant li l-konvenut iffirma l-kambjala mertu ta' dawn il-proċeduri għas-somma msemmija ta' €38,803, l-attur rikonvenzjonat ċertament kellu kull dritt li fil-pretensjonijiet tiegħu jitlob dak l-ammont maqbul bħala imgħax.

11. Magħmula dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti tasal għall-konklużjoni li s-somma totali ta' €2551.40 ma ġietx inkluża fil-konteġġi tal-attur fir-rigward tal-fatturi fuq imsemmija. Isegwi li mis-somma ta' €6,506.00 pretiżi mill-attur għandha titnaqqas din is-somma li jwassal għall-figura ta' €3954.60. Pero' jrid jingħad ukoll s-somma ta' €6506.00 kienet tinkludi wkoll imgħax fuq il-bilanċ dovut u għalhekk għandu jsir aġġustament biex jiġi mnaqqas 8% imgħax minn fuq is-somma ta' €2551.40 ġaladarba dawn suppost kellhom ikunu nklużi fil-konteġġi tal-attur.

Dan ifisser li **t-talba attriċi hija akkoljibbli limitatament għas-somma ta' €3750.49** (€3954.60 - €204.11).

## KONTRO-TALBA

Imiss issa tiġi trattata l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant. Huwa jippremetti li żmien qasir wara li saret il-kambjala għall-ammont ta' €38,803 l-attur rikonvenzjonat xtara mingħandu 14 il-*shotgun* b'valur ta' €18,040 li suppost kellu jitnaqqas mill-ammont tal-kambjala flimkien ma pagamenti oħra. Huwa qal ukoll li sussegwentement induna li kien għamel ħlas żejjed ta' €16,223 tiegħu qed jitlob ir-rifużjoni permezz tal-kontro-talba.

Qabel jiġi trattat il-mertu pero' ser jiġu trattati l-ewwel **tlett eċċezzjonijiet ta' natura preliminari** sollevati mill-attur rikonvenzjonat.

Dawn l-eċċezzjonijiet jgħidu hekk -

*"1. Illi mingħajr preġudizzju wkoll jingħad li ma jeżistux l-elementi rikjesti mill-artikolu 396 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex fil-ħin li ġiet ammessa l-kambjala (kif del resto jinsorġi mir-risposta ġuramentata tal-intimat rikonvenzjonant), din ikkrejat obbligazzjoni distinta u separata mill-allegat kreditu mitlub. Għalhekk, il-materja għandha titqies kompletament differenti mill-azzjoni promossa permezz tar-rikors promotur.*

*2. Illi preliminarjament, l-kontro talba hija rritwali u konsegwentement nulla għaliex l-azzjoni promossa mill-attur rikonvenzjonat hija dik hekk imsejħa actio cambiaria u għalhekk huma limitati ferm it-tip t'eċċezzjonijiet li jistgħu jingħataw. Għalhekk ċertament kontro talba m'hijiex permessa f'dawn il-proċeduri.*

*3. Illi mingħajr preġudizzju l-intimat rikonvenzjonant irid jiċċara x'azzjoni qiegħed jittenta jagħmel u jindika r-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet u sakemm dan iseħħ ir-rikorrent rikonvenzjonat qiegħed jirriżerva d-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri inkluż dik tal-preskrizzjoni."*

**L-artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk –

*"Fil-kawżi, l-konvenut jista' jagħmel kontro*-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur *kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a)* meta l-kontro-talba tal-*konvenut tkun ġejja mill*-istess fatt, *jew* mill-istess *kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

*(b)* meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li *jpaċi l*-kreditu mitlub *mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix*-xejn l-azzjoni tal-attur jew li *jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti li l-azzjoni proposta mill-konvenut rikonvenzjonant hija sabiex ipaċi l-kreditu mitlub mill-attur u għalhekk is-sub-paragrafu (b) tal-artikolu 396 imsemmi huwa ben sodisfatt.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari hija għalhekk miċħuda.**

Dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari jingħad fl-ewwel lok li huwa minnu li *f'actio cambiaria* l-eċċezzjonijiet ammissibbli huma ġeneralment limitati għall-kambjala *per se* kif stipulat fl-artikolu 198 et seq tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda hawn si tratta ta' kontro-talba li hija azzjoni u mhux eċċezzjoni u għalhekk l-eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat ma treġix. Inoltre, kif inhu risaput fil-ġurisprudenza, m'hemm ebda ostaklu legali biex l-azzjoni kambjarja u l-kontro-talba jsiru flimkien fi proċedura waħda quddiem il-Qorti. Kif ingħad fil-każ **F.Mercieca & Sons Mobili Ltd vs George Borg et deċiż fit-28 ta' Frar 2001**[18]-

*Il-Qorti ta' l-Appell Kum. fis-sentenza mogħtija fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru, 1988, fil-kawża fl-ismijiet Dr. D. Tonna vs B. Arcidiacono noe fuq punt simili kienet iddeċidiet fis-sens li:*

*"L-artikolu 396 tal-Kap. 12 jagħti lill-konvenut id-dritt li jagħmel kontro-talba in any action. Isegwi li la l-leġislatur ma impona l-ebda limiti, dawn ma jistgħux jiġu mposti mill-Qorti. Infatti l-kliem tal-liġi fl-imsemmi artikolu huwa ċar li ċertament ma hemm lok għal ebda interpretazzjoni.*

*L-artikolu 198 Kap 13 li jikkontempla ċerti eċċezzjonijiet fl-azzjoni kambjarja ma hux ta' ostakolu għall-eserċizzju tad-dritt li tagħmel kontro-talba kontemplata fl-artikolu 396 Kap. 12. Iżda fil-waqt li tkun tista' issir il-kontrotalba fl-azzjoni kambjarja, għandhom jiġu fl-istess ħin osservati d-*

[18] Ċit Nru 940/00

*disposizzjonijiet ta' l-artikolu 198 Kap. 13. Għalhekk il-konsegwenza hija li jekk f'azzjoni kambjarja ssir kontrotalba li teħtieġ eżami fit-tul u li ddewwem il-ħlas tal-kambjala, allura l-kawża quddiem il-Qorti għandha tiġi deċiża f'zewg stadji - fl-ewwel stadju tiġi deċiża l-azzjoni kambjarja u fit-tieni stadju tiġi deċiża l-kontrotalba."*

Ingħad ukoll hekk fil-każ **Mario Agius et vs Doris Pulo deċiż fl-24 t'April 2001**[19] -

*"Illi dwar il-kwistjoni tal-kontro-talba u l-azzjoni kambjarja wieħed jirreferixxi għas-sentenza fl-ismijiet "Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et" deċiża minn din il-Qorti fl-4 ta' Dicembru 1998 (Citaz. Numru 853/97/RCP) fejn fuq l-iskorta tas-sentenzi hemm ċitati fosthom "Dr. David Tonna nomine vs Boris Arcidiacono nomine" (A.K. 28 ta' Novembru 1988), "Edgar Camilleri nomine vs David Cilia" (K. A. M. 18 ta' Marzu 1994) u "Dr. Toni Abela vs Carmelo Calabretta" (K.6 ta' Frar 1991) ingħad li l-istess artikolu 198 tal-Kap 13 u l-artikolu 396 tal-Kap Cit Nru: 2846/97/RCP 18 24 t'April, 2001 12 jistgħu jeżistu flimkien b'dan li t-talba oriġinali l-kontrotalba jiġu deċiżi fl-istess kawża, iżda mhux neċessarjament fl-istess sentenza, b'mod li l-azzjoni kambjarja tiġi deċiża l-ewwel u wara tiġi deċiża l-kontro-talba.*

B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għall-każ tal-lum ma hemm għalhekk ebda rritwalita' u nullita' fir-rigward tal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant u għaldaqstant anke **t-tieni eċċezzjoni preliminari sejra tiġi respinta**.

Dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari il-Qorti tinnota li waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2017[20] hija kienet ordnat lill-konvenut rikonvenzjonant sabiex

[19] Ċit 2846/97
[20] Fol 19

speċifikatament b'referenza għal din l-eċċezzjoni jindika b'Nota l-azzjoni li qed jistrieħ fuqha. Madankollu l-konvenut rikonvenzjonant baqa' inadempjenti.

Filwaqt li l-Qorti tiddeplora dan l-atteġjament tal-konvenut lejn l-ordnijiet tagħha hija tinnota li mis-sustanza tagħha l-kontro-talba qegħda titlob li ssir tpaċija bejn dak mitlub mill-attur rikonvenzjonat u l-ammont pretiż mill-konvenut rikonvenzjonant in kwantu ħlas żejjed lil kien sar lill-istess attur. Il-Qorti tifhem għalhekk li l-azzjoni rikonvenzjonali hija bażata fuq l-artikolu 1196 et seq tal-Kodiċi Ċivili.

**Ma hemm għalhekk ebda lok li tintlaqa' t-tielet eċċezzjoni tal-attur rikonvenzjonat u għalhekk sejra tiġi respinta**.

Imiss għalhekk jiġi trattat il-mertu.

Skont il-konvenut rikonvenzjonant is-somma ta' €16,223 pretiża minnu hija maqsuma hekk –

i. €2,090 skont kif spjegat fid-Dok CF1 minnu esibit; u

ii. Riċevuti ammontanti għal €14,133 kif indikati fl-ewwel tlettax -il *item* ta' Dok CF 2.

L-attur rikonvenzjonat invece jeċċepixxi li huwa m'għandu jagħtih ebda ammont.

Dwar il-parti tat-talba fejn il-konvenut rikonvenzjonat qed jitlob is-somma ta' €2,090 kif spjegat fid-Dok CF1 minnu esibit il-Qorti diġa' għamlet konsiderazzjonijiet dettaljati dwar il-*quantum* dovut lill-attur rikonvenzjonat inkluż dwar il-kumulu ta' mgħaxijiet legali a favur l-istess attur.

B'dawn il-konsiderazzjonijiet fir-retroxena l-Qorti hija tal-fehma li s-somma ta' €2090 pretiża mill-konvenut rikonvenzjonant mhijex ġustifikata għax għar-raġunijiet kollha diġa' mogħtija fir-rigward tat-talba prinċipali huwa l-konvenut li għandu jagħti lill-attur u mhux bil-kontra.

Dwar it-tieni parti tal-kontro-talba li tirrigwarda s-somma ta' €14,133 l-Qorti tinnota li t-tlettax -il pagament li għalihom qed issir referenza f'Dok CF 2 huma dawn:

1. Data 28/12/2011 – somma ta' €1200

2. Data 7/01/2012 – somma ta' €700

3. Data 21/01/2012 – somma ta' €500

4. Data 20/01/2012 – somma ta' €4000

5. Data 04/02/2012 – somma ta' €200

6. Data 25/02/2012 – somma ta' €283

7. Data 24/03/2012 – somma ta' €750

8. Data 16/04/2012 – somma ta' €200

9. Data 23/05/2012 – somma ta' €1800

10. Data 23/05/2012 – somma ta' €600

11. Data 02/06/2012 – somma ta' €2000

12. Data 15/06/2012 – somma ta' €1300

13. Data 16/06/2012 – somma ta' €600

Iżda kif diġa kkonstatat il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar it-talba prinċipali, dawn il-ħlasijiet diġa kienu ġew inklużi fil-konteġġi tal-attur rikonvenzjonat kif indikat f'Dok Z2 a fol 33.

Isegwi li lanqas din il-parti tat-talba ma hi akkoljibbli.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attur Emmanuel Mallia limitatament u tordna lill-konvenut Francis Chetcuti jħallsu s-somma ta' tlett elef seba' mija u ħamsin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3750.49) rappreżentanti bilanċ dovut import ta' kambjala aċċettata u ffirmata mill-intimat maħruġa fil-15 ta' Ġunju 2012;**

**2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;**

**3. Peress li t-talba attriċi ma ġietx milqugħa fl-intier tagħha l-ispejjeż jinqasmu hekk: 4/5 il-konvenut u 1/5 l-attur;**

**4. Bl-imgħax li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur mid-data tal-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-pagament effettiv;**

**5. <u>Dwar il-kontro-talba</u> tiċħad it-talba tal-konvenut rikonvenzjonant għar-rifużjoni tas-somma ta' sittax -il elf mitejn u tlieta u għoxrin Ewro (€16,223.00) rappreżentati ħlas żejjed li l-konvenut rikonvenzjonant allega li għamel lill-attur rikonvenzjonat;**

**6. Tiċħad l-ewwel tlett eċċezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat iżda tilqa' l-bqija;**

**7. Bl-ispejjeż tal-kontro-talba jkunu kollha a karigu tal-istess konvenut.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**